MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 222/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Raymond Aquilina)
Vs
Johann Schembri
Joseph Scicluna**

**Illum 16 ta' Lulju, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala l-persuni li jiggestixxu l-post bl-isem ta' Fairplay Bingo jew parti minnu li jinsab fit-Triq il-Merluz, gewwa Qawra, fit-2 ta' Frar, 2006 u fix-xhur precedenti fil-Qawra w/jew f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer :

1. meta ma kellhomx licenzja tal-fond Fairplay Bingo taht dan l-Att jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob lehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht dan l-Att jew bi ksur ta' xi

kundizzjoni imposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, ippermettew l-uzu ta' xi post ghal, jew inkorraggew dik il-loghba ta' sogru li tintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus (loghob illegali);
2. fethu jew haddmu kazino minghajr ma kellhom licenzja mahruga mill-Awtorita';
3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, mmanifatturaw, importaw, zammew jew ipprovdew makni tal-loghob ghall-uzu gewwa xi fond li ma kellhomx licenzja bhala kazino taht dan l-Att ghandu minghajr pregudizzju ghal kull responsabbilita' ohra taht xi ligi ohra;
4. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, operaw, ippromwovew, bieghu jew ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkunu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba bi ksur ta' l-artikolu 3 jew 4 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, operaw, ippromwovew, bieghu jew b'xi mod li jkunu ghinu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba bi ksur ta' l-artikolu 5 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, xjentement ippermettew l-uzu ta' xi post bil-ghan ta' l-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew bi ksur ta' xi kondizzjoni mposta f'licenzja mahruga taht dan l-Att jew bi ksur ta' xi direttiva mahruga mill-Awtorita' skond ma hemm f'dan l-Att;

Lil Johann Schembri wahdu :

7. talli sar recediv ghat-terminu ta' l-artikoli 49 et seq. tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b'sentenzi definittivi tal-Qorti ta' l-Magistrati (Malta) datati 3 ta' Mejju, 2001, 27 ta' Novembru, 2002, 8 t'April, 2003, 8 t'April, 2003, 8 t'April, 2003, 8 t'April, 2003, 22 t'April, 2003, 23 ta' Lulju, 2003, 4 ta' Dicembru, 2003, 13 ta' Jannar, 2004, 24 ta' Gunju 2004 u 4 ta' Novembru, 2004, liema sentenzi ma jistghux aktar jigu mibdula;

Lil Joseph Scicluna wahdu :

8. talli sar recediv ghat-terminu ta’ l-artikoli 49 et seq. tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b’sentenzi definittivi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. C. Scerri Herrera LL.D datata 4 ta’ Dicembru, 2003, liema sentenza ma tistax aktar tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Gunju, 2009, li biha, lliberat lil Johann Schembri u Joseph Scicluna mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellati hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti fil-liberazzjoni taz-zewg appellati u dan ghax skond hi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova x’licenzji ezattament kellhom l-appellati sabiex joperaw il-post Fairplay Bingo. Din il-konsiderazzjoni msemmija fis-sentenza appellata hija manifestament zbaljata.

Ikkunsidrat :

Illi kif tajjeb osservaw l-appellati, l-appell ta’ l-Avukat Generali huwa bbazat fuq apprezzament zbaljat u ragjonevoli tal-provi illi kkunsidrat l-Ewwel Qorti.

B’nota ipprezentata fit-23 t’April, 2010 l-appellati argumentaw illi l-Avukat Generali ma kellux dritt ta’ appell minn din is-sentenza peress illi ma jinkwadrax fl-istanzi kontemplati fl-artikolu 413(1B) tal-kodici Kriminali.

Ikkunsidrat :

L-appellati huma addebitati b'reati kontra l-Att Dwar Loghob Kap. 400 tal-Ligijiet ta' Malta w Kap. 438 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reati jaqghu taht il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati.

Minn ezami akkurat tal-artikolu 413 (1B) tal-Kodici Kriminali jidher assodatt illi ma hemmx appell ghall-Avukat Generali fuq apprezzament tal-provi kif maghmula mill-Qorti tal-Magistrati fil- kompetenza originali taghhom. Jidher illi din il-lakuna ingibet ghall-attenzjoni tal-legislatur ghax permezz tal-Att XXII tal-2009 introduca dritt ta' appell ghall-Avukat Generali permezz tas-subartikolu 5 tal-artikolu 74 tal-Att Dwar Lotteriji u Loghob iehor. Dana l-Att pero' gie tard wisq ghall-Avukat Generali f'din il-kawza peress li gie fis-sehh fit-18 ta' Dicembru 2009, wara l-prezentata tar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali.

Ghalhekk dan l-appell mhuwiex kolpit bl-ahhar emenda fuq imsemmija w din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Generali rritu u null u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------